**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR5/IX/2024**

**It-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2024 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Skużati:**
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**5.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**5.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

5.2 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

**5.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

5.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 4 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

5.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

5.3.3 Saru l-korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**5.4 Mozzonijiet f'isem il-Kunsilliera**

5.4.1 Mozzjoni numuru 1 tad-IX Kunsill li ġiet imressqa fil-laqgħa li għaddiet mill-Viċi Sindku u li kien sar qbil li din tiġi sospiża sakemm il-Kunsill jiltaqa' mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, liema laqgħa saret it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2024 fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Il-Viċi Sindku rtira din il-mozzjoni.

5.4.2 Mozzjoni numru 2 tad-IX Kunsill imressaqa mill-membru Michel Buttigieg

**Mozzjoni Numru 2**

**Ġie notat artiklu qarrieq fuq il-ġurnal il-Mument datat 6 ta' Ottubru 2024, li implika fih lil Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u l-Ministru għal Għawdex.**

**Tali artiklu implika li l-Ministru għal Għawdex beda jhedded u jsabbat waqt laqgħa li l-istess Kunsill kellu mal-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Clint Camilleri. L-istess artiklu jagħti x'jifhem li l-kunsilliera kollha kienu qed jikkonfermaw dan, inkluż is-Sindku.**

**L-artiklu jkompli jgħid li f'waħda mill-materji diskussi li kienet l-iskola tal-Vajrinġa, fejn il-ġurnal qal li l-Ministru Clint Camilleri beda jhedded u jsabbat ghax il-Viċi Sindku Cassar ried bilfors estensjoni tal-arkivji.**

**Dan ma hu xejn ħlief tgħawwiġ tal-fatti.**

**Il-Ministru Clint Camilleri u l-Kunsill kellhom laqgħa kordjali u pożittiva ferm fejn ġew diskussi diversi temi.**

**Rigward it-tema tal-Vajrinġa, hekk kif il-Viċi Sindku George Cassar qal li jrid li dan il-post issir estenzjoni tal-arkivji, il-Ministru qal li filwaqt li jista' jkun li dan il-post jista' jaqdi diversi funzjonijiet, il-Gvern għandu ħsieb ta' użu ieħor li jkun ta' benefiċċju soċjali kbir għal Għawdex.**

**Hawnhekk ukoll inġibdet l-attenzjoni tal-Viċi Sindku li jista' jkun għandu kunflitt ta' nteress f'dan is-suġġett, għall-fatt li qrabatu diretti jaħdmu f'dan il-post u li ilu jingħad li jixtiequ dak li propju semma l-Viċi Sindku.**

**Minkejja dan, ġara li ħareġ l-artiklu imsemmi, fejn sussegwentement il-Viċi Sindku għamlu tiegħu anke b'post fuq *Facebook*, b'kopja tal-artiklu u bil-kliem li ġej: "It-theddid u l-**

**għajjat m'hu se jbeżża lil ħadd Ministru. Dak l-atteġjament m'għandu jintuża ma ħadd, wisq anqas magħna l-membri tal-Kunsill Lokali ta' Beltna."**

**Għalhekk qed nitlob li:**

**1. ċaħda kategorika minn naħa tal-Kunsill li f'xi ħin il-Ministru hedded jew għajjat mal-membri tal-Kunsill Lokali Victoria, għall-kuntrarju ta' dak li qal il-Viċi Sindku George Cassar;**
**2. ħadd ma għandu jitkellem f'isem il-Kunsill għajr meta jkun hemm qbil fuq il-materja relevanti;**
**3. apoloġija mill-Viċi Sindku George Cassar lejn sħabu l-kunsilliera li daħħalom f'dan kollu mingħajr il-kunsens taghhom;**
**4. ittra mill-Kunsill Lokali lill-Ministru fejn niddisassoċjaw ruħna minn dak li intqal fl-artiklu msemmi u minn dak li qal il-Viċi Sindku George Cassar filwaqt li nħarsu 'l quddiem għal aktar xogħol b'risq Beltna;**
**5. finalment nitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tirtirali ismi bħala sekondant tal-mozzjoni li ressaq il-Viċi-Sindku George Cassar fil-laqgħa li għaddiet għar-raguni li ma kontx naf bil-potenzjal ta' kunflitt ta' nteress li potenzjalment għandu l-Viċi Sindku fuq din il-materja.**

5.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal sekondant.

5.4.4 Ma kienx hemm sekondant u l-mozzjoni ma ġietx diskussa.

5.4.5 Il-membru Buttigieg qal li l-membri tal-Kunsill huma mmexxija minn imneħirhom bil-membri tal-Partit Laburitsta wkoll. Tenna li din il-mozzjoni għandha terġa tersaq fil-laqgħa li jmiss u tibqa titressaq sakemm ikun hemm sekondant.

5.4.6 Il-membru Buttigieg ħareġ mill-kamra.

5.4.7 Is-Sindku qal li minn din l-affari kollha joħroġ li l-membri tal-Kunsill li jkunu attendew laqgħat li jirrigwardjaw lill-Kunsill m'għandhomx joħorġu jgħidu dak li jkun sar u ntqal, w iktar w iktar jinġab fuq gazzetta u sussegwentament ikun hemm din it-tip ta' mozzjoni. Ħadd ma għandu joħroġ mill-kamra u jgħid x'ġara. Meta l-membri tal-Kunsill iġibu posts fuq F*acebook*, għandhom jitkellmu f'isimhom personali u mhux f'isem ħaddieħor. Is-Sindku tenna li mhux ser jidħol fil-mertu ta' min għandu r-raġun.

5.4.8 Fuq l-aħħar punt, il-Viċi Sinkdu qal li bl-ebda'mod ma kellu l-ħsieb u l-intenzjoni li l-post li għamel fuq *Facebook* kellu jiftiehem hekk.

5.4.9 Is-Sindku kkonkluda li jixtieq li f'dan il-Kunsill ikun hemm dejjem l-armonija bejn il-membri. Kwistjonijiet dejjem ikun hemm, pero' il-Kunsill tar-Rabat dejjem mexa bħala partit wieħed u ma hemmx għalfejn ikun hemm kunflitti.

## 5.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.5.1 Is-Sindku qal li l-Avukat lestiet żewġ *bye-laws*, waħda tat-tlajjar li talabha s-Supretendent tal-Pulizija. Din tkun tkopri l-*area* tal-isptar fejn il-persuni milquta bil-vizzju tad-drogi jmorru jieħu l-mediċina. Il-membri qablu. *Draft* ta' din il-*bye-law* tinsab annessa f'dokument A.

5.5.2 It-tieni *bye-law* tkopri l-ilbies indiċenti fir-Rabat li miegħu hemm multa ta' €70. *Draft* ta' din il-*bye-law* tinsab annessa f'dokument B. Il-membri qablu li jitkompla l-proċess sabiex dawn iż-żewġ *bye-laws* jiġu fis-seħħ.

5.5.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward l-iskema finanzjarja - Komunitajitet aktar Siguri u Organizzati. Minn dawn il-fondi kellhom isiru kameras tas-sigurta' f'diversi toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għamlet diversi tfakkiriet lill-inġinier biex iħejji d-dokument tal-offerta. Il-membri qablu li għandu jingħata ċans ġimgħa u jekk jibqa ma jlestix ix-xogħol għandu jitqabbad inġinier ieħor.

## 5.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

5.6.1 Reġjun Għawdex fejn talab lill-Kunsilli Għawdxin jixtiqux jipparteċipaw fl-inizjattiva Reġjun Kulturali 2025 bi preparazzjoni għar-Regional Year of Culture – Gozo 2025. Il-Kunsill aċċetta li jipparteċipa;

5.6.2 l-Awtorita' tal-Ippjanar fejn:-

i) bagħtet il-kopja tal-Kunsill rigward id-Dokument ta' Ftehim tal-proġett tal-klabb S.K. Victoria Wandereres li ser jibbenefika mid-*Development Planning Fund*;

ii) intbagħat l-avviż li twaħħal fejn qed jiġi propost li ssir *bring-in site* ġdida fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex;

5.6.3 il-Gozo Tourism Association rigward il-Gozo Tourism Awards 2024;

5.6.4 Charles Bezzina rigward il-Monument tal-Gwerra fi Pjazza Indipendenza. Issuġġerixxa li jerġa jsirlu r-*railing*. Dan il-monument jaqa' f'idejn il-Gvern Ċentrali u saret komunikazzjoni mad-Direttur tal-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar f'dan ir-rigward;

5.6.5 il-Malta Health Students' Association fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*health checks* li kienu pjanati għar-residenti ser jitwaqqfu peress li din l-assoċjazzjoni ma baqaliex fondi biex dawn isiru;

5.6.6 il-kuntrattur li jieħu ħsieb il-qsari, fejn għarraf lill-Kunsill li waqt attivita' li saret fi Pjazza Santu Wisitin, reġa' ntefa ż-żejt tal-ikel f'qasrija minnhom;

5.6.7 l-Av. Nadine Stivala li kitbet għan-nom ta' David Lane fejn talbet sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem 'Bargate' fi Triq Ġorġ Borg Olivier, peress li l-klijent tagħha waqa' darbtejn. Din il-bankina kienet tranġat f'Awwissu li għadda u l-avukat ġiet mgħarrfa b'dan;

5.6.8 Tal-Fuklar Folk Group li ser jipparteċipa f'Maleshevo Singing and Dance International Folk Festival fil-Bulgaria. Il-membri qablu li l-Kunsill joffri 6 kotba biex jiġu preżentati lill-gruppi barranin f'dan il-festival. Dawn għandhom ikopru wkoll it-talba li saret mill-istess grupp rigward l-attivita'li ser jorganiżżaw fil-mandraġġ fid-9 ta' Novembru, 2024;

5.6.9 Anson Thomas John li għandu l-permess ta' *street hawker* talab biex jarma trakk tal-bejgħ tal-ikel *take away* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li josserva r-regolamenti kollha relatati. Dan wara li l-Kunsill irtiralu n-*no objection* biex jarma fil-Wied ta' Żejta għax ma mexiex skont il-kundizzjonijiet.

## 5.7 Immaniġjar tat-Traffiku

5.7.1 Tressqet ċirkulari tal-Assoċjazzjoni tla-Kunsilli Lokali – Cir AKL 2024/0256 – Vjal Kulħadd – Opportunita' biex jibda jiġi implimentat il-proġett 'Slow Streets'.

5.7.2 Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem:-

i) Blk HA, Flat 3, Triq taċ-Ċawla; u
ii) 14, Pjazza San Franġisk.

5.7.3 Tresqet talba biex isir parkeġġ riservati personalizzati quddiem 'Ave Maria' fi Triq Dawwara. Il-Kunsill jimla l-formola rikjesta.

TM ħarġet permess biex:-

5.7.4 isiru *parking bays* fi Triq Għajn Qatet fl-*area* tal-isptar;

5.7.5 isiru *5m double yellow lines* fi Triq Għar Gerduf kantuniera mal-Fontana.

5.7.6 Tressqet korrispondenza mis-sid ta' Castle Pharmacy fi Pjazza Indipendneza fejn intalbet *un/laoding bay* faċċata tal-knisja ta' San Ġakbu. TM issuġġeriet li jittieħed l-ewwel parkeġġ fejn hemm it-*taxi stand*. Il-membri qablu.

5.7.7 TM m'approvatx talba għall-*un/laoding bay* quddiem 'Crispy' fi Triq Fortunato Mizzi peress li ristoranti mhumiex intitolati.

5.7.8 Tressqet pjanta tal-Perit aġġornata u skond it-talbiet li saru, rigward *traffic management* u *road markings* fi Triq Santa Martha. Il-membri qablu fuqha u din tintbagħat lill-TM għal approvazzjoni.

5.7.9 Dwar *traffic management* fi Triq l-10 ta' Ġunju tressqet pjanta alternattiva tal-Perit Mariella Xuereb. Din ġiet diskussa mill-membri u dawn qablu li l-pjanta għandha tinbagħat lill-TM għall-veduti tagħhom.

5.7.10 Tresqet talba minn residenta li qed tissuġġerixxi li ssir *pedestrian crossing* fi Triq Santa Dminka. Il-membri qablu li jintalab lid-Diviżjoni Strateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex titħejja pjanta peress li din hi triq arterjali.

5.7.11 Is-Sindku ressaq talba mir-residenti li jixtiequ *pedestrian crossing* fil-bidu ta' Triq Sant Ursola. Il-membri qablu li jintalab lid-Diviżjoni Strateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex titħejja pjanta peress li din hi triq arterjali.

5.7.12 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li fil-parkeġġ iż-żgħir ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex qed ikun hemm problema biex toħroġ bil-vettura minn dan il-parkeġġ peress li jkun hemm il-vetturi pparkjati faċċata. Il-membri qablu li jekk ma hemmx sinjali sofor immarkati għandu jintalab il-permess ta' TM biex dawn isiru.

5.7.13 *Community Police* issuġġerixxa li tiġi mħarrka bi ftit metri tabella li turi 'no parking for heavy vehicles' fi Triq Manwel Dimech. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM.

5.7.14 Dwar it-talba biex jiżdied is-sinjal isfar li hemm faċċata tal-gallarija li qed tintlaqat minn vetturi kbar fi Triq Dun Pawl Micallef, TM ġibdet l-attenzjoni li ser jonqsu żewġ parkeġġi. Il-membri baqgħu bl-istess fehma peress li m'hemmx alternattiva oħra.

5.7.15 Tressqet korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali ta' Kerċem fejn għarraf lill-Kunsill li kien hemm inċident fuq ir-*road hump* ta' Triq Ħamamiet. Il-kuntrattur tal-Kunsill ġie mqabbad immedjatament sabiex jara li din ir-*road hump* qedgħa kif suppost, bir-*raod markings* u t-tabelli kollha.

5.7.16 Il-membri qablu li għandha terġa tintalab pjanta tal-Perit minn naħa tad-Diviżjoni Strateġija u Sapport fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex isiru r-*road markings* u t-tabelli neċessarji fi Triq Dawwara li hi arterja. Il-Kunsill imbagħad ikun jista' jagħmel il-konsultazzjoni pubblika permezz ta'din il-pjanta, kif kien ġie suġġerit mill-Perit.

**5.8 *Playing Field* – Preżentazzjoni tal-Perit**

5.8.1 Il-Perit Edward Scerri u l-assistenti tiegħu ġew mistiedna jidħlu fil-kamra sabiex iressqu l-preżentazzjoni.

5.9.2 Il-Perit ressaq il-preżentazzjoni tal-proġett tal-*playing field.* Hu spjega fid-dettal kif qed jipproponi li jsir.

5.9.3 Is-Sindku qal li hu tal-opinjoni li l-*playing field* jinqala kollu u l-Perit mexa fuq dan is-suġġeriment. Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika sabiex jakkwista fondi mid-*Development Planning Fund* tal-Awtorita tal-Ippjanar biex ikun jista' jiġi finanzjat dan il-proġett.

5.9.4 Il-proġett għandu jinkludi dwal u kameras tas-sigurta'. Għal dawn għandu jitqabbad enġinier biex iressaq il-proposta.

5.9.5 Il-membri qablu li dan il-proġett isir u qablu wkoll li jridu jinġabu fondi addizzjoniali sabiex ikun jista' jiġi finanzjat.

5.9.6 Il-membri qablu wkoll li jekk ikun hemm il-bżonn li jsiru *metres* tad-dawl ġodda u jkun hemm xkiel fir-rigward tal-*metre* tad-dawl li hemm kwistjoni fuqu mal-ARMS, il-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li jgħalaq il-kont.

**5.9 Proġett Pjazza Santu Wisitn – Preżentazzjoni tal-Perit**

5.8.1 Is-Sindku qal li flimkien mal-Perit kellu laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fejn ġiet imressqa din il-preżentazzjoni. Il-Ministru kien interessat u b'mod verbali, ikkommetta li jiffinanzja dan il-proġett fit-totalita tiegħu minn fondi tal-Ministeru. Jekk jiġi approvat mill-membri tal-Kunsill imbagħad isir il-kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex.

5.8.2 Wara li saret il-preżentazzjoni, s-Sindku qal li dan hu proġett ambizjuż fejn ser joħloq spazju miftuħ fiċ-ċentru tar-Rabat.

5.8.3 Waqt l-ispjega tiegħu, il-Perit qal li l-proġett inħadem biex il-parkeġġ li hemm fil-preżent jinżel sular taħt l-art. Dan ma jtellifx lix-xelter u l-arkeoloġija, peress li mis-*survey* ħareġ li dan kollu qiegħed aktar minn sular 'l isfel. Il-parkeġġ li ser ikun hemm biss fuq, ser ikun biex jakkomoda lir-residenti ta' din il-pjazza u jkun n-naħħa ta' fejn hemm id-djar. L-entrata għall-parkeġġ taħt l-art hi proposta li ssir n-naħa tal-Oratorju Don Bosco.

5.8.4 Dwar l-arkeoloġija, għandhom isiru l-*archeological trenches* biex jiġi nvestigat il-meterjal u l-Perit tal-parir li qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar, għandu jkun hemm diskussjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, fejn jitresqu l-proposti ta' dan il-proġett.

5.8.5 Il-Perit għalaq billi qal li xi ftit jew wisq ser ikun hemm disturbanza waqt li x-xogħol ikun għaddej, pero' waqt li l-proġett ikun jinħadem dejjem ikun hemm *buffer zone,* sabiex ir-residenti jkollhom l-aċċess meħtieġ. Bħala traffiku mhux ser jiġi affetwat peress li xorta jista' jibqa għaddej minn Triq Dawwara u Pjazzettta fuq it-Tomba.

5.8.6 Il-membri qablu li l-Kunsill jaħseb kif jingaġġa enġinier tad-dawl sabiex iħejji l-viżwal u l-istimi neċessarji sabiex jiddaħħal kollox fl-istima finali.

5.8.7 Il-membri qablu li dan il-proġett isir u qablu li jridu jinġabu fondi addizzjoniali sabiex ikun jista' jiġi finanzjat.

**5.10 *Ġnien Qasam* San Ġorġ**

5.10.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ser jittressqu l-pjanti proposti mill-Perit.

**5.11 Nichelino Ottubru 2024**

5.11.1 Is-Sindku qal li kienet żjara ta' suċċess fejn anke' l-grupp folkloristiku 'Ogygia', li ppparteċipa kien preparat kif suppost. Tenna li l-Kunsill għandu jesplora aktar kuntatt ma' Nichelino. biex dan il-ġemellaġġ jibqa' ħaj. Il-membri qablu.

**5.12 Attivitajiet tal-Milied – *Weekend Break* u Kunċert**

5.12.1 Il-membri qablu li jitqassmu *leaflets* bieb bieb, biex jiġi reklamat il-*weekend break* kulturali għar-residenti.

5.12.2 Dwar il-kunċert mużikali, qed jiġi mħejji l-materjal ta' promozzjoni.

**5.13 Offerta – Tindif ta' Toroq**

5.13.1 Intefgħu żewġ offerti u qedgħin fil-fażi ta' aġġudikazzjoni.

5.13.2 Il-bord t' aġġudikazzjoni hu ffurmat minn William Sultana - Ċermen, Miriam Attard – Segretarja u l-*accountant* Daniel Galea, l-Av. Larry Formosa u l-Enġinier Mario Cauchi, evalwaturi.

**5.14 *Bollards* Pjazza Indipendenza**

5.14.1 L-offerta ħarġet nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024 u tagħlaq fit-22 ta' Novembru, 2024.

5.14.2 Il-membri qablu li malli tiġi aġġudikata l-offerta u jiġi deċiż min hu l-kuntrattur li ser jissuplixxi u jpoġġi l-*bollards*, il-Kunsill jaqla' dawk eżistenti u jħejji l-art li tkun mingħajr xkiel.

**5.15 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

5.15.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta'Ottubru 2024, skont dokument Ċ anness.

**5.16 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

5.16.1 jintalab sabiex jingħata ż-żrar fil-grawnd Leli Farrugia;

5.16.2 titranġa l-kurduna li hemm imkissra fi Triq Santa Martha;

5.16.3 jiġi ordnat l-isem tat-triq taċ-ċeramika tal-isqaq Numru 1 fi Triq Karita'. Dan inkiser waqt li kienet qed issir kostruzzjoni ta' residenza privata;

5.16.4 il-Kunsill għandu jerġa' jiġbed l-attenzjoni sabiex titkompla l-bankina fi Pjazzetta fuq it-Tomba. Kienet saret biss il-bankina tal-kantuniera ma' Pjazza Santu Wistin;

5.16.5 jintalab sabiex jitneħħa *skip on wheels* li tpoġġa minn eko-Għawdex fi Triq Repubblika kantuniera ma' Trejqet l-Exchange. F'din l-*area* hemm ukoll *litter bin* amministrat minn eko-Għawdex li ma jitbattalx kemm suppost. Eko-Għawdex għandha tiġi nfurmata biż-żewġ punti;

5.16.6 tinġibed l-attenzjoni ta' eko-Għawdex għalfejn tneħħew il-pjanti u l-*litter bins* li kien hemm fejn is-salib ta' Pjazza San Franġisk. Il-qsari tpoġġew fejn il-knisja ta' San Franġisk;

5.16.7 tiġi ordnata ż-żurżieqa li nkissret b'vandaliżmu fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. L-istima hi ta' €2,135.80;

5.16.8 jitranġa d-dawl tal-art li hemm mad-dawra tal-Banca Giuratale u anke' titranġa s-sistema li qed twaqqa' s-salvavita tal-fanali ta' Pjazza Indipendenza kull darba li tagħmel ix-xita;

5.16.9 ssir bozza ġdida mad-dar 'St. Lawrence', fi Triq 8 ta' Diċembru. Is-sid tad-dar aċċetta.

**5.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fin-12:30 p.m. u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv